# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 6**

**Rikors Numru 217/2020/1 AGV**

**Z1**

**v.**

**Z2**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar id-9 ta' Ottubru, 2024 f'kawża għal varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni u għal revoka ta' digriet u tal-formola Anness 1 tar-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008** maħruġa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Settembru, 2018 rigwardanti pretensjoni ta' arretrati ta' manteniment.

## Preliminari

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) fis-26 ta' Novembru, 2020, Maria Concetta Buhagiar (l-Attriċi *nomine*) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Z1 (l-Attur) fissret li l-partijiet kienu żżewġu fit-18 ta' Ġunju, 2006 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied; li huma stabbilew id-dar matrimonjali tagħhom u r-residenza ordinarja tagħhom u tal-familja tagħhom l-Ingilterra; illi l-partijiet iddivorzjaw permezz ta' *Divorce petition* intavolata minn Z1 fil-Qorti Ingliża f'Liverpool b'digriet finali tat-22 ta' Novembru, 2016. Kompliet tfisser li:

> "4. Il-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Jean Carl Debono datat 2 ta' Mejju 2016 (kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala (**Dok. KB2**). Tali kuntratt ġie finalizzat wara illi fit-12 ta' Novembru 2015, l-intimata kienet bdiet proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-esponent fil-qrati Maltin u dan minkejja li l-proċeduri fil-Qorti Ingliżi kienu anteċedenti għal dawk Maltin u ai termini tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Nru 2201/2003, magħrufa bħala Brussels IIA il-Qrati Maltin kellhom iċedu l-ġurisdizzjoni tagħhom lill-Qrati Ingliżi. Effettivament l-esponenti jisħaq illi l-kuntratt minnu nnifsu jmur kontra l-provvedimenti ta' Brussels IIA, senjatament **Artikolu 19** tar-Regolament Ewropew. Dan stante li anke f`**klawsola 26** tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet l-intimata obbligat ruħha li tiffirma l-karti kollha neċessarji għad-Divorzju li kien ġie intavolat l-Ingilterra qabel il-proċeduri ta' separazzjoni f`Malta;
>
> 5. Illi permezz ta' **klawsola 5**, tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ta' bejn il-partijiet il-kura u kustodja tal-minuri ġiet fdata f`idejn il-mara. Inoltre, skond **klawsola 6** tal-istess kuntratt, l-esponent kien intrabat illi jħallas lill-intimata l-ammont ta' tmien mitt Lira Sterlina (£800) fix-xahar bħala retta alimentari lejn uliedu, liema manteniment kellu jiżdied għal elf Lira Sterlina (£1,000) fix-xahar meta jsir il-bejgħ tal-propjetà 36, The Croft, Euxton Lancashire, PR7 6LH, Renju Unit.
>
> 6. Illi skond **klawsola 9** tal-Kuntratt ta' Separazzjoni l-ispejjeż relattivi għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri għandhom jiġu sopportati nofs bin-

nofs, b`dan illi meta jsir il-bejgħ tal-propjetà' 36, The Croft, Euxton Lancashire, PR7 6LH, Renju Unit l-ispejjeż jinqasmu sittin fil-mija (60%) mill-esponent u erbgħin fil-mija (40%) mill-intimata;

7. Illi skond **klawsola 12 (a)** ir-rikavat mill-bejgħ tal-propjetà' 36, The Croft, Euxton Lancashire, PR7 6LH, Renju Unit, kellu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Madanakollu, l-intimata kienet għamlet pressjoni fuq l-esponent sabiex meta jsir il-bejgħ tal-propjetà hi tiġi assenjata aktar min-nofs u bdiet tagħmilha diffiċli illi tiffirma d-dokumenti meħtieġa għal tali bejgħ, u dan kif jista' jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk, l -esponent kien ċeda għall-pressjonijiet tal-intimata biex hi ġiet assenjata ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tar-rikavat, b`dan illi l-ammont illi kien jeċċedi s-sehem skond il-kuntratt kellu jagħmel tajjeb għal kwalunkwe nuqqas ta' pagamenti ta' manteniment. Tali ammont in eċċess kien jekwivali għal tlieta u erbgħin elf Lira Sterlina (£43,000);

8. Illi eventwalment il-partijiet qablu illi l-esponent għandu jibqa' jħallas l-ammont ta' tmien mitt Lira Sterlina (£800). Dan l-arranġament kien wieħed verbali. Illi effettivament, tali arranġament kien anke rifless fil-*Consent Order* abbozzat mir-rappreżentanti legali tal-intimata fl-Ingilterra u d-dikjarazzjoni tal-arretrati ta' manteniment kif intavolat mill-intimata mas-*Central Authority* fl-Ingilterra (**Dok. KB3**).

9. Illi inoltre, l-esponenti jirrileva illi llum il-ġurnata huwa kellu tibdil fiċ-ċirkustanzi u għalhekk hemm il-ħtieġa illi jiġi emendat il-kuntratt ta' bejn il-partijiet u dan sabiex jirrifletti il-mezzi u c-ċirkustanzi tal-partijiet u uliedhom illum il-ġurnata.

10. Illi jiġi rilevat illi fl-2016 l-esponenti kellu paga ta' tmenin elf, seba' mija u wieħed u sittin Lira Sterlina (£80,761) fis-sena. Dak iż-żmien dan kien l-unika introjtu tal-familja stante li l-intimata ma kienetx taħdem waqt li kienet tirrisjedi l-Ingilterra flimkien ma' żewġha u uliedha. Barra minn hekk, dak iż-żmien l-esponent kien jgħix fil-Punent tal-Ingilterra viċin il-Belt ta' Preston. Illum il-ġurnata l-esponent jgħix Londra fejn l-għoli tal-ħajja huwa madwar id-doppju ta' dak li kien iħallas fl-2016 (Ara **Dok. KB 4**). Il-paga gross attwali ta' tmienja u tmenin elf Lira Sterlina (£88,000) perċepita mill-esponenti, ma tirriflettix tali differenza fl-għoli tal-ħajja. Apparti minn hekk, l-esponent illum għandu wild ieħor xi jrabbi. L-esponent infurmat illi l-intimata llum il-ġurnata taħdem u għalhekk jispetta fuqha wkoll l-obbligu li tmantni lill-uliedha skont il-mezzi tagħha ai termini ta' **Artikoli 3 u 3B tal-Kodiċi Ċivili**;

11. Illi l-esponent jinsisti illi kemm fl-2016, 2017 u 2018 dejjem ħallas l-ammonti kollha dovuti minnu, u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati **Dok. KB 5** – <u>Madanakollu, l-intimata intavolat proċeduri fil-Qrati Maltin tallega illi s-somma ta' għoxrin elf mitejn u sebgħa u sittin Lira Sterlina (£20,267) kienet dovuta lilha bħala arretrati ta' manteniment. Dawn il-proċeduri qatt ma ġew debitament notifikati lill-esponent u għalhekk l-esponent qatt ma seta' jiddefendi ruħu dwar dan.</u> Eventwalment, l-intimata, wara li ottjeniet digriet favur tagħha minkejja

dawn in-nuqqasijiet proċedurali, mexxiet b'talba ta' infurzar fil-Qrati Ingliżi kontra l-esponent. L-esponent mhux biss jinnega li hu naqas minn dmirijietu, iżda jinsisti illi l-proċeduri intavolati mill-intimata fit-18 ta' Settembru 2018, u l-ordni ta' infurzar illi mexxiet bih l-Ingilterra qatt ma kellhom isiru a bażi ta' fatt u dritt kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt il-prosegwiment ta' din il-kawża;

12. Illi f dan l-istadju, l-esponent jixtieq jifformalizza l-qbil verbali illi kien sar bejn il-partijiet, liema qbil jirrifletti aktar iċ-ċirkustanzi preżenti tal-partijiet u għalhekk qiegħed jitlob sabiex il-kuntratt li hemm bejn il-partijiet jiġi debitament emendat;

13. Illi l-esponent intavola proċeduri ta' medjazzjoni (Ittra Nru 1255/2019/JPG) liema medjazzjoni ġiet magħluqa fl-20 ta' Lulju 2020. Sussegwentement l-esponent ġie awtorizzat jintavola din il-kawża permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2020, hawn anness u mmarkat **Dok. KB 6** sat -30 ta' Novembru 2020.

2. L-attriċi *nomine* ressqet dawn it-talbiet quddiem l-Ewwel Qorti:

"1. Tordna illi tiġi varjata l-**klawsola 6** tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet minnhom konkluż nhar it-2 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono sabiex il-pagamenti mensili ta' retta alimentari dovuti minnu u pagabbli lill-intimata jitnaqqsu għal tmien mitt Lira Sterlina (£800) fix-xahar u dan b'mod retroattiv sa mill-2016;

2. Tordna illi tiġi varjata l-**klawsola 9** tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ta' bejn il-partijiet minnhom konkluż nhar it-2 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono sabiex l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jibqgħu jinqasmu b`mod ugwali bejn il-partijiet;

3. Tiddikjara illi l-proċeduri intavolati mill-intimata fit-18 ta' Settembru 2018 fejn allegat arretrati ta' manteniment, u l-ordni ta' infurzar sussegwenti illi mexxiet bih l-Ingilterra kontra l-esponent qatt ma kellhom isiru, stante li dawn li saru kontra r-rekwiżiti tal-Liġi.

4. Taħtar Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat u tordna li tali kuntratt bl-emendi relattivi jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

5. Tawtorizza lin-Nutar appuntat ai termini tat-talba preċedenti sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat u tordna li tali kuntratt bl-emendi relattivi jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Salv għal kwalunkwe provvediment ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tad-29 ta' Jannar, 2021 Z2 (il-Konvenuta) laqgħat għall-azzjoni attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi t-tielet talba rikorrenti; dan għaliex il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti hija arġinata fil-Leġ. Suss. 12.19 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprekluduha milli tieħu qies tal-imsemmija tielet talba rikorrenti.
>
> 2. Fit-tieni lok, mingħajr ħsara għall-permess, ukoll in linea preliminari, il-kawża odjerna hija nulla in kwantu ma ġietx intavolata fit-terminu hekk kif stabbilit mill-art. 11 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 3. Fit-tielet lok, mingħajr ħsara għall-permess, fil-mertu, l-att pubbliku tat-2 ta' Mejju 2016 ġie mfassal, maqbul mir-rikorrenti, u awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti; ma teżisti ebda raġuni valida fil-Liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti takkolji l-varjazzjonijiet mitluba.
>
> 4. Fir-raba' lok, b'żieda mal-premess, fiċ-ċirkostanzi, ma teżisti ebda raġuni sabiex din l-Onorabbli Qorti timxi lil' hinn mill-prinċipju governanti ta' *pacta sunt servanda*.
>
> 5. Fil-ħames lok, mingħajr ħsara għall-permess, fil-mertu, anke kieku din l-Onorabbli Qorti kellha temmen lir-rikorrenti meta huwa jsostni li ssalda kull somma minnu dovuta skont l-att pubbliku tat-2 ta' Mejju 2016 in linea ta' retta alimenatari u spejjez (fatt kontestat għall-aħħar), ma tista' qatt takkolji t-talbiet rikorrenti b'effett retroattiv, dan in virtu ta' dak li jiddisponi l-art. 22 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 6. Fis-sitt lok, ukoll b'żieda mal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma lesivi mhux biss in vista tad-drittijiet tal-esponenti, iżda anka għad-drittijiet tal-ulied minorenni tal-kontendenti; tali talbiet ċertament ma humiex fl-interess suprem tal-minorenni.
>
> 7. Fis-seba' lok, in aġġjunta mas-suespost, din il-kawża, ntenatata wara aktar minn erba' snin u nofs mill-pubblikazzjoni tal-att ta' separazzjoni personali bejn l-kontendenti, m'hi xejn għajr tentattiv ennesimu tar-rikorrenti li jkompli jabdika mill-obbligi ġenitorili tiegħu u jistultifika l-proċess inizjat mill-istanti ġewwa l-Barnet Family Court.
>
> 8. Fit-tmien lok, it-talbiet rikorrenti jibqgħu nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.
>
> Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimata."

4. B'<u>sentenza finali</u> mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "i) Tichad l-ewwel talba attrici u izzomm ferm klawsola 6 fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Mejju, 2016.
>
> ii) Tordna li l-klawsola 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Mejju, 2016 tigi varjata fis-sens li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jithallsu interament mill-konvenuta.
>
> iii) Tichad it-tielet talba attrici.
>
> iv) Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lin-Nutar Dr. Jean Carl Debono sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat, billi l-manteniment indikat jinkludi l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, u ghalhekk tordna li tali kuntratt, hekk emenedat, jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.
>
> L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur."

5. Ir-raġunijiet rilevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tiċħad it-tielet talba kienu dawn:

> "In kwantu jirrigwarda dina t-tielet talba attrici fejn l-attrici nomine qed titlob in-nullita' tal-proceduri li fethet il-konvenuta fit-18 ta' Settembru, 2018 fejn allegat li hemm arretrati ta' manteniment u talbet ghall-ordni tal-infurzar li mexxiet bih l-Inghilterra u dan ghaliex ma sarux skond ir-rekwiziti tal-ligi.
>
> Il-Qorti tirrileva li l-atturipprezenta sottomissjonijiet dettaljati fuq dina t-talba, filwaqt li l-konvenuta ftit li xejn ipprezentat sottomissjonijiet sabiex tirribatti dak allegat minnu.
>
> Il-konvenuta tibqa' tikkontendi li ghandha tiehu arretrati fl-ammont ta' £47,000 u qed tippretendi l-hlas taghhom peress li ssostni li l-attur kien naqas milli jhallas kemm il-manteniment, kif ukoll l-ispejjez edukattivi u tas-sahha. Sabiex tenforza tali pretensjoni, il-konvenuta intavolat proceduri fit-18 ta' Settembru, 2018, fejn ressqet rikors generali (Nr. 417/18) ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (K.E) Nru. 4/2009 dwar il-gurisdizzjoni, il-ligi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjonjiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

L-attur qed jikkontesta tali proceduri stante l-fatt li qatt ma gie notifikat b'dan ir-rikors u lanqas mgharraf bis-smiegh tieghu.

Jirrizulta li b'digriet kamerali datat 24 ta' Settembru, 2018, it-talba tal-konvenuta sabiex tipprezenta l-istess rikors giet milqugha u ghalhekk imxiet mal-Awtorita' Centrali fl-Inghilterra (LBMEC) tramite dik korrispondenti Malta sabiex permezz tal-Qorti Ingliza tezegwixxi t-talba sabiex tirkupra minghand l-attrici nomine l-allegati arretrati u fl-istess waqt tenforza l-hlas ta' manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Il-Qorti tirrileva li l-attur ipprova jissimplifika u jpingi proceduri li sehhew bejn l-Qrati Maltin, il-Malta Central Authority, ir-REMO u l-UK Central Authorities bhala xi haga semplici. In realta' m'hemmx xejn minn dina s-simplicita' u hemm konfuzjoni totali bejn dawn l-awtoritajiet. Kien il-kompitu tieghu li jikkomunika lil dina l-Qorti l-proceduri kif sehhew u zvillupaw wara li l-konvenuta pprezentat ir-Rikors Generali taghha li gie milqugh b'digriet kamerali fl-24 ta' Settembru, 2018.

F'dak ir-Rikors, il-konvenuta riedet tenforza l-klawsoli tal-manteniment u hlas ta' edukazzjoni u sahha quddiem il-« Family Court Barnet (West London) » fejn dan kellu jkun fl-ammont ta' £1000 fix-xahar ( peress li nbieghet id-dar matrimonjali f'Lancashire).

B'digriet taghha, il-Family Court Barnet (West London) fis-17 ta' Dicembru, 2020, rrifjutat it-talba tal-attur sabiex jigu sospizi l-proceduri tal-« enforcement » u filwaqt li kkonfermat li ghandu jkompli jhallas l-£1,000 fix-xahar bhala manteniment, iddeterminat is-segwenti :-

> « ***The issue of quantum is not a matter for us to consider, To dispute quantum the Payer would need to make an application to the Maltese Courts and as noted in (a) above, there are no longer any ongoing proceedings in Malta, We therefore refused to consider the issue of quantum of arrears. We informed the Payer that we are not here to deal with quantum but with enforcement***. »

Fit-18 ta' Dicembru, 2020 u cioe' l-ghada li nhareg l-« enforcement » mill-Qrati tal-Inghilterra, Dr. Anthea Whitney Turner, baghtet email lil Dr. Anthony Degiovanni, in rapprezentanza tal-Malta Central Authority, fejn baghtet tinfurmah li l-Qrati Inglizi, kienu malinformati li m'hemmx proceduri fl-Qrati Maltin u accennat li l-problema kienet li l-Awtorita' ma kinitx ghamlet ricerka siewja, ghaliex il-proceduri kienu miftuhin f'isem omm l-attur nomine u cioe' l-kaz odjern.

Effettivament, dan wassal ghall-kambjament fid-decizjoni tal-Qrati Inglizi, fejn il-Barnet Family County Court, harget ordni fit-23 ta' Frar, 2021 u gharrfet li l-Malta Central Authority kienet ghamlet zball meta di fatti kienu jezistu l-proceduri odjerni. Ordnat ukoll li « ***Both the Payee and Payer accept the issue of quantum and level of arrears shall be determined by the Maltese Court and the amount paid by the Payer pursuant to the order of the 17th December, 2020 shall be set***

> ***against the level of maintenance and any arrears as determined by the Maltese Courts.*** »
>
> Il-Qorti ta' Barnet imbaghad waslet sabiex issospendiet l-« enforcement proceedings » sakemm ikun hemm ezitu mill-Qrati Maltin.
>
> Huwa hawn fejn saret konfuzjoni shiha, ghaliex meta l-attur fetah il-kawza m'ghamel ebda talba sabiex jhallas xi arretrati li fil-mori tal-kawza ammetta li ghandu jhallas. Jekk il-konvenuta riedet tipprocedi ghall-talba tal-arretrati setghet *in pessima ipotesi*, ghamlet kontro-talba f'dawn l-istess proceduri, ghaliex effettivament, il-Qorti ta' Barnet ghamiltha cara li hi qiedgha hemm biex tordna l-infurzar u mhux biex tikkwantifika u tiddeciedi fuq l-arretrati. Carament, kien jispetta li l-Qrati Maltin jaghmlu dan.
>
> Madankollu, il-konvenuta qatt ma kienet prekluza li tistitwixxi proceduri biex tirkupra dak li thoss li huma arretrati ta' hlas ta' manteniment. It-talba tal-attur biex jigi dikjarat li l-azzjoni li hadet il-konvenuta saru kontra r-rekwiziti tal-ligi huma pjuttost frivoli u ma jaghtuh ebda rimedju. Donnu l-attur ried dikjarazzjoni minn din il-Qorti biex jiskorja punt kontra ex martu. Tali talba ma ssib ebda sostenn fil-ligi taghna, u ghaldaqstant ser tigi respinta."

6. L-attriċi *nomine* (minn issa wkoll l-Appellanta *nomine*) għan-nom tal-attur (l-Attur Appellant) appellat b'rikors intavolat fit-8 ta' Novembru, 2024 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm miġjuba, talbet lil din il-Qorti "*tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji tal-appell, tħassar dak deċiż dwar it-tielet talba u tagħti l-opportuni provvedimenti fir-rigward u tħassar dak deċiż fil-kap tal-ispejjeż u takkolla l-ispejjeż bejn il-kontendenti, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.*"

7. Il-konvenuta (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata) ressqet ir-risposta tagħha fil-25 ta' Frar, 2025, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li l-appell interpost mill-attriċi *nomine* jiġi miċħud.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**Riepilogu fil-Qosor tal-Fatti Rilevanti għal dan l-Appell.**

9. Fit-2 ta' Mejju, 2016 il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat min-Nutar Dr Jean Carl Debono. Il-missier kellu jibqa' jirrisjedi ġewwa l-Ingilterra filwaqt li l-omm tirrisjedi maż-żewġ ulied minuri f'Malta u li tagħhom ingħatat il-kura u kustodja bi dritt ta' aċċess favur missierhom.

10. Il-partijiet irrinunzjaw li jitolbu manteniment għalihom infushom mingħand xulxin.

11. Dwar manteniment versu l-minuri. il-missier intrabat li jgħaddi lill-omm is-somma ta' £800 fix-xahar li tawmenta għal £1,000 fix-xahar wara li tinbiegħ proprjetà li l-partijiet kellhom ġewwa Lancashire fir-Renju Unit. Ftehmu wkoll li l-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta.

12. Fis-sena 2018 inqala' disgwid bejn il-partijiet. L-appellata kienet qed tippretendi li fil-ħlasijiet ta' manteniment għall-minuri l-appellant kien

b'lura fis-somma ta' £7,900.00. L-attur kien u għadu jirrisjedi ġewwa l-Ingilterra.

13. Peress li l-ħlas pretiż lill-appellata ma sarx, fit-18 ta' Settembru, 2018 ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) rikors ġenerali anness miegħu **Anness 1** kontemplat fir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat- 18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment**.

14. Immotivat dak ir-rikors billi ppremettiet li peress li l-appellant jaħdem, jgħix u jirrisjedi ġewwa l-Ingilterra "jeħtieġ illi il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet ikollha saħħa għal fini ta' eżegwibilita' skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008......." Permezz tal-istess rikors talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex għall-finijiet tar-Regolament Ewropew imsemmi "il-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn Z1 ikollu effett anki f'pajjiżi oħra Membri tal-Unjoni Ewropeja sabiex hi tkun tista' tmexxi biex 1 ikun konformi mal-obbligi li jinsabu fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, inkluż imma mhux limitati għall-manteniment dovut għaż-żewġ minuri u kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam ma' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni". Talbet ukoll sabiex il-Qorti tal-Familja tapprova il-formola Anness 1 tar-Regolament

tal-Kunsill (KIE) nru 4/2009. Fl-istess jum sew ir-rikors imsemmi kif ukoll il-formola Anness 1 ġew akkordati u ffirmati mill-Qorti tal-Familja.

15. *Tramite* l-Awtorità Ċentrali Maltija, l-Anness 1 maħruġ mill-Qorti tal-Familja ġie trasmess lill-Awtorità Ċentrali Ingliża sabiex jinbdew fl-Ingilterra l-proċeduri ta' enforzar kontra l-appellant għall-arretrati ta' manteniment.

16. Fis-16 ta' Awwissu, 2019 l-appellant kiteb lil *London Maintenance Enforcement Agency* ġewwa Londra.[1] Jirrefera għal seduta li kellha ssir l-għada, 17 ta' Awwissu, 2019, quddiem il-*West London Family Court* fil-Burough ta' Barnet, kif ukoll għall-korrispondenza preċedenti datata 9 ta' April, 2019 mibgħuta mill-avukati tiegħu fejn ġie dikjarat illi "I do not contest the registration of the Maltese Court order itself made on the 2nd May 2016 at the Civil Court, Family Court (Malta), although this will be contested in due course in the Maltese Courts. However, I do contest the quantum of the alleged arrears - both the quantum of arrears alleged at the time of the original enforcement of the aformentioned Order on 13th March 2019, as well as the updated quantum of the alleged arrears....". Jilmenta minn diversi nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet Inglizi u n-nuqqas ta' provi da parti tal-appellata dwar il-pretensjoni tagħha. Għalhekk talab li jingħata *statements* aġġornati dwar l-arretrati pretiżi mill-appellata u

[1] Kopja a fol. 233

kopja ta' provi dokumentarji bħal *statements* tal-banek u kopja tal-korrispondenza bejn l-awtoritajiet Maltin u dawk Ingliżi dwar il-pretensjoni tal-appellata. Għalaq billi talab: "transfer the hearing to the Central Family Court for directions, given that this quantum will be contested".

17. Il-proċeduri quddiem il-*Family Court at Barnet (West London)* waslu sabiex fis-**17 ta' Diċembru, 2020** dik il-qorti ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex minħabba proċeduri pendenti quddiem il-qrati Maltin, il-proċeduri ta' enforzar fl-Ingilterra jiġu mwaqqfa. Dan wara li l-qorti Ingliża kkunsidrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità Ċentrali Maltija li ċċertifikat li ma kienx hemm proċeduri pendenti quddiem il-qrati Maltin. Ġiet miċħuda wkoll kemm it-talba tiegħu sabiex jappella r-reġistrazzjoni tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet ġewwa l-Ingilterra, peress li qieset li kien hu stess, *tramite* l-avukati tiegħu, li ddikjara sbatax-il xahar qabel li ma kienx qed jikkontesta tali reġistrazzjoni, kif ukoll it-talba tiegħu sabiex il-każ kontrih jiġi mħassar għaliex qieset li għalkemm kien jidher li fid-dokumentazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Maltin kien hemm xi inkonsistenzi, "The inconsistencies do not change the fact that the Payer was there and knew of the deed. In our view the inconsistencies are not sufficient nor material enough to strike out the case";. Fl-aħħarnet il-Qorti tal-Familja f'Barnet, Londra, iddikjarat illi:

> "(d) ***The issue of quantum is not a matter for us to consider, To dispute quantum the Payer would need to make an application to the Maltese Courts and as noted in (a) above, there are no longer***

> ***any ongoing proceedings in Malta, We therefore refused to consider the issue of quantum of arrears. We informed the Payer that we are not here to deal with quantum but with enforcement***. »

18. Kompliet tiddikjara li peress li ma kienx għad hemm aktar ħin disponibbli f'dik is-seduta sabiex tistħarreġ l-enforzar minħabba li kien jeħtiġilha li tikkonsidra l-aspett tal-meżżi tal-appellant, ħalliet is-smigħ għat-23 ta' Frar 2021 u tat lill-appellant sal-21 ta' Jannar 2021 sabiex jippreżenta "a fully completed statement of means with documentary proof of his income and outgoings" inkluż *payslips* tal-paga tiegħu tal-aħħar sitt xhur u *bank statements* li jkopru l-aħħar tnax-il xahar. Fl-istess ħin ħarġet "*interim order*" sabiex "The Payer shall pay Stg 1,000 per month through the Court. First payment by the 15.01.2021. Payment to be made by way of Standing Order".

19. Fit-23 ta' Frar, 2021, wara li ġie stabbilit li, kuntrarjament għall-informazzjoni li kellha quddiemha dik il-qorti meta ħarġet l-ordni tas-17 ta' Diċembru, 2020, l-appellant kien effettivament fetaħ il-kawża odjerna fis-26 ta' Novembru, 2020, il-Barnet Family County Court, ippremettiet fost l-oħrajn li:

> "C. The Payer does not accept his maintenance liability is £1000 a month because he asserts the parties verbally varied their original agreement; D. Both the Payee and Payer accept the issue of quantum and level of arrears shall be determined by the Maltese Courts and the amount paid by the Payer pursuant to the order of 17$^{th}$ December, 2020 shall be set against the level of maintenance and any arrears as determined by the Maltese court; E. Upon determination by the Maltese Courts as to the quantum of future maintenance, the parties agree the Paymer may be required to submit an application to the LMEBC to suspend the interim maintenance order made on the 17$^{th}$ December and the Payee shall

consent to such an application. F. REASONS - Upon the Payer consenting to continue paying £1000 per month as per this consent order by Standing Order …… on the 15th of each month. We are satisfied that these proceedings should be stayed on condition of payment. There are ongoing proceedings in Malta, the timeframe of which is unknown…. We have made it clear that the proceedings are stayed only on the basis that payment is made. If there is any failure in payment, Mr Buhagiar would find himself back before the enforcement court. ……"

20. Għalhekk ħarġet l-ordni segwenti:

"**IT IS ORDERED BY CONSENT**:

1. The Payer, having provided all necessary documentation to LMEBC to enable them to set up a standing order, shall pay £1,000 per calendar month interim maintenance to the Payee from the 15 March 2021 until further odern……
2. The enforcement proceedings instigated by the LMEBC shall be stayed on condition of payment as specified at paragrafph 1 above.
3. There shall be no order as to costs.
Dated: 23 February 2021"

**L-Appell**

**L-ewwel aggravju – Ċaħda tat-tielet talba attriċi.**

21. Permezz tal-ewwel aggravju l-attur appellant qed jattakka s-sentenza appellata safejn ċaħditlu t-tielet talba. Permezz ta' dik it-talba l-attur kien talab lill-Ewwel Qorti:

"3. Tiddikjara illi l-proċeduri intavolati mill-intimata fit-18 ta' Settembru 2018 fejn allegat arretrati ta' manteniment, u l-ordni ta' infurzar sussegwenti illi mexxiet bih l-Ingilterra kontra l-esponent qatt ma kellhom isiru, stante li dawn ... saru kontra r-rekwiżiti tal-Liġi."

22. L-appellant jgħid illi l-pern kollu tal-kwistjoni dwar it-tielet talba tiegħu tirreferi għar-rikors hekk imsejjaħ "ġenerali" li l-konvenuta appellata kienet intavolat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) lura fit-18 ta' Settembru, 2018. Jgħid li l-appellata kienet istitwit dawk il-proċeduri "għaliex ħasset li kien hemm ammonti dovuti bħala arretrati mill-appellant".

23. L-attur jilmenta li għalkemm quddiem l-Ewwel Qorti huwa rnexxielu jipprova li qabel dak ir-rikors ġie degretat huwa ma kienx ġie notifikat u wisq anqas ingħata dritt li jwieġeb, l-Ewwel Qorti ċaħditlu t-tielet talba minkejja li skontu r-regolament numru 9 tar-Regolamenti tal-Kunsill (K.E.) Nru 4/2009 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment jipprovdi li n-notifika hija tassattiva.

24. L-attur jilmenta wkoll li l-Qorti tal-Familja akkordat ir-rikors tal-konvenuta mingħajr allura ma semgħet x'kellu xi jgħid u mingħajr ma semgħet provi dwar dak li kienet qed titlob l-appellata. Jissottometti illi peress li ma kellux dritt jappella minn dak id-digriet l-unika rimedju li kellu kien li jistitwixxi din il-kawża.

25. Jikritika s-sentenza appellata fejn irriteniet li l-attur ipprova jissimplifika u jpinġi l-proċeduri li seħħew bejn il-Qrati Maltin, l-Awtorità

Ċentrali Maltija, ir-REMO u l-UK Central Authorities "bħala xi ħaġa sempliċi" u fejn irriteniet li kien kompitu tal-attur li jikkomunika lill-Qorti l-proċeduri kif seħħew u żviluppaw wara li r-rikors ġenerali ppreżentat mill-konvenuta ġie akkordat. Jgħid li huwa kien proċeduralment korrett meta intavola din il-kawża sabiex jattakka d-digriet tal-24 ta' Settembru, 2018. Jikritika l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fejn irriteniet li l-attur istitwixxa l-kawża odjerna sabiex jiskorja punt kontra martu. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn fis-sentenza appellata li s-somma ta' Stg.20,267 imsemmija mill-konvenuta fir-rikors ġenerali tagħha ma kenitx kollha dovuta. Jisħaq illi anke li kieku l-qorti kellha l-jedd li tilqa' dak ir-rikors ġenerali mingħajr ma jkun qabel notifikat lilu; "ma kelliex wara iċċaħdu mid-dritt li jikkoreġi dak li ntalab mill-konvenuta".

26. Jilmenta l-appellant li issa jinsab f'limbu "fejn l-awtoritajiet Ingliżi ma jridux u ma jistgħux iqisu x'inhu dovut waqt li dawn il-Qrati l-ewwel ma tawx smiegħ xieraq lill-esponent u issa bħal abdikaw mid-dmir li jqisu jekk dak reklamat mill-appellata huwiex dovut jew le." Jissottometti li qiegħed f'sitwazzjoni li jħallas kemm iħallas, id-deċiżjoni dwar jekk dak dovut ġiex saldat tħalliet f'idejn il-konvenuta. Jisħaq illi filwaqt li l-konvenuta ma kenitx ċerta mill-ammont lilha dovut, l-Ewwel Qorti tat sentenza "mingħajr ma daħlet fid-dettal tal-mertu li kien kruċjali sabiex tiġi determinata l-vertenza". Jgħid li l-Ewwel Qorti skartat il-provi li tresqu dwar l-ammont reklamat mill-konvenuta u dwar dak li huwa ħallas. Jirreferi għall-

kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li filwaqt li huwa ressaq "provi sostanzjali" dwar il-ħlasijiet li huwa għamel, ikkummentat ukoll li l-konvenuta ftit li xejn ġabet provi fir-rigward. Jgħid li l-provi li huwa ressaq dwar il-ħlasijiet minnu effetwati bl-ebda mod ma ġew kontradetti mill-konvenuta filwaqt li jilmenta li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox id-dokumenti li huwa ppreżenta.

27. Il-konvenuta appellata tilqa' għal dan l-ewwel aggravju billi tgħid li dak li hija kienet ippremettiet fir-rikors ġenerali tagħha tat-18 ta' Settembru, 2018 huwa stat ta' fatt. Tinsisti illi hija mxiet rigorożament ma' dak li ġie ordnat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bid-digriet tal-24 ta' Settembru, 2018.

28. Tissottometti li "ma tistax tifhem kif l-appellanti (nomine) qiegħda tressaq din il-lanjanza meta mkien ma talbet li jiġi dikjarat null id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Settembru, 2018". L-appellata tirritjeni li kien għalhekk li l-Ewwel Qorti iddikjarat it-tielet talba attriċi bħala frivola u li ma setgħet qatt tagħti lill-attur rimedju fil-liġi. Issemmi kif permezz tat-tielet talba tiegħu l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-proċeduri istitwiti permezz tar-rikors ġenerali *de quo agitur* u l-ordni ta' infurzar sussegwenti "saru kontra r-rekwiżiti tal-liġi" imma ma talabx ukoll li d-digriet tal-24 ta' Settembru 2018 huwa null.

29. Issemmi l-appellata li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li l-attur naqas milli jressaq l-aħjar prova dwar il-mod kif żviluppa l-kontenzjuż bejn il-kontendenti ġewwa Malta u fl-Ingilterra wara l-għoti tad-digriet tal-24 ta' Settembru, 2018. Iżżid tgħid illi l-attur mkien ma talab lill-Ewwel Qorti sabiex issir verifika dwar is-somom in kontenzjoni bejn il-partijiet u konsegwentement u għalhekk, kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, l-Ewwel Qorti ma abdikat mill-ebda obbligu tagħha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

30. Permezz tal-ewwel talba mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur talab li minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi minnu allegati l-qorti tvarja klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni li tirregola l-manteniment li l-appellant iħallas għaż-żewġ uliedu u tordna "sabiex il-pagamenti mensili ta' retta alimentarja dovuti minnu u pagabbli lill-intimata jitnaqqsu għal tmien mitt Lira Sterlina (£800) fix-xahar u dan b'mod retroattiv sa mill-2016". Din it-talba l-Ewwel Qorti ċaħditha; u ma sar l-ebda appell minn dan il-kap tas-sentenza.

31. Bit-tieni talba, talab li klawsola 9 tal-kuntratt tiġi varjata "sabiex l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jibqgħu jinqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet". Bil-kunsens tal-konvenuta appellata, l-Ewwel Qorti akkordat lill-

attur appellant aktar milli talab fit-tieni talba peress li ddeċidiet hekk: "Tordna li l-klawsola 9 tal-Kuntratt .... tiġi varjata fis-sens li l-ispejjeż edukattivi u tas-saħħa għandhom jitħallsu interament mill-konvenuta".

32. Filwaqt li bit-tielet talba, talab lill-Ewwel Qorti tiddikjara li l-proċeduri mnedija mill-konvenuta b'rikors ġenerali tat-18 ta' Settembru, 2018 u l-ordni ta' infurzar preżentata kontestwalment jiġu dikjarati "li qatt ma kellhom isiru" għaliex "saru kontra r-rekwiżiti tal-liġi".

33. Ir-rikors ġenerali numru 417/2018 ippreżentat minn Z2 fit-18 ta' Settembru, 2018 għandu dawn it-talbet :

(i) "illi ghall-finijiet kollha tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 [...] il-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn Z1 ikollu effett anki f'pajjizi ohra Membri tal-Unjoni Ewropeja sabiex hi tkun tista' tmexxi biex Z1 ikun konformi mal-obbligi li jinsabu fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, inkluż imma mhux limitati ghall-manteniment dovut ghaz-zewg minuri u kif ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' spejjez ta' sahha u edukazzjoni."

(ii) "l-istess Qorti jekk tilqa' dan ir-rikors timla' u tittimbra l-ahhar pagna tal-Annex 1 tal-formula tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Dicembru 2008 dwar ............ ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-decizzjonijiet u l-ko-operazzjoni f'materji relatati mal-obbligi ta' manteniment".

34. B'digriet tal-24 ta' Settembru, 2018, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba kif dedotta. Bħala fatt jirriżulta li qabel ġie akkordat, dak ir-rikors ġenerali ma ġiex notifikat lill-appellant.

35. It-talba tal-appellata sabiex tenforza l-klawsola tal-manteniment favur il-minuri kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet hija msejsa fuq ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) 4/2009** tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment. Dan ir-Regolament Ewropew, għalkemm ma jsemmix kuntratt, jirreferi għal "strument awtentiku" li f'**Artikolu 2 (3) tal-istess Regolament** huwa mfisser hekk:

> "(a) dokument fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment li ġie mfassal jew irreġistrat formalment bħala strument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini u li l-awtentiċità tiegħu:
>
> i) hija relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument, u
>
> ii) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa tagħmel dan; jew,
>
> (b) arranġament relatat ma' obbligi ta' manteniment konkluż mal-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru tal-oriġini jew awtentikat minnhom;"

36. Kuntratt ta' separazzjoni għaldaqstant huwa meqjus wieħed mill-istrumenti awtentiċi u huwa għalhekk regolat bl-**Artikolu 48 (1)** li jipprovdi li "*It-transazzjonijiet ġudizzjarji u l-strumenti awtentiċi eżegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandhom ikunu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor u għandhom jibbenefikaw mill-istess eżekutorjetà bħad-deċiżjonijiet, skont il-Kapitolu IV.*"

37. **Artikolu 21 (3) tar-Regolament** jipprovdi illi fuq applikazzjoni mid-debitur, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni tista' tissospendi, totalment jew parzjalment, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini, meta jkun sar rikors quddiem qorti kompetenti tal-Istat

Membru tal-oriġini b'applikazzjoni għal reviżjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini skont l-Artikolu 19. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni għandha, fuq talba tad-debitur, tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini jekk l-eżekutorjetà ta' dik id-deċiżjoni tkun sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini.

38. Kif rajna, l-ilment tal-appellant huwa illi r-rikors ġenerali fejn intalab li l-Qorti tal-Familja toħroġ il-Formola Anness 1 bis-saħħa tar-Regolament Ewropew 4/2009 ma ġiex lilu notifikat qabel ma ġie akkordat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-rikors ġenerali ma kienx meħtieġ għaliex sabiex Qorti fl-Istat Membru rikjedenti tirrilaxxja wieħed mill-Annessi sabiex skont ir-Regolament Ewropew 4/2009 ssir l-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor, mhux meħtieġ li qabel xejn jiġi notifikat il-parti l-oħra. Altrimenti l-iskop kollu tar-Regolament jiġi prattikament fix-xejn.

39. L-appellant kien qed jinsisti illi ma jaqbilx mal-arretrati reklamati mill-appellata peress li kif rajna, talab, permezz tal-kawża odjerna, riduzzjoni fl-ammont ta' manteniment fl-interess tal-minuri li jrid iħallas skont il-kuntratt tas-separazzjoni, u mhux għaliex kien hemm nuqqas ta' qbil dwar kemm ħallas. Din il-kawża fetaħha fis-26 ta' Novembru, 2020 u talab lill-Ewwel Qorti sabiex tirriduċi l-manteniment minnu pagabbli fix-xahar minn £1,000 ghal £800 u dan b'effett retroattiv sa mill-2016.

40. Kieku t-talba tiegħu ġiet milquha mill-Ewwel Qorti, il-pretensjoni tal-appellata għall-arretrati kienet tiġi drastikament effettwata. Imma t-talba tal-attur sabiex il-manteniment minnu pagabbli jiġi ridott b'effett retroattiv ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti u l-ebda appell ma ġie intavolat minn dik iċ-ċaħda. Isegwi għalhekk li l-kontestazzjoni dwar l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-appellant hija llum eżawrita.

41. Quddiem il-Qorti tal-Familja fl-Ingilterra l-appellant ġia aċċetta l-eżegwibilità tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet f'dik il-ġurisdizzjoni. Permezz tas-sentenza appellata saret varjazzjoni fi klawsola 9 fis-sens l-manteniment mensili ta' £1,000 fix-xahar jinkludi fih l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa ta' ulied il-partijiet. L-ebda appell ma ġie intavolat minn dan il-kap tas-sentenza.

42. B'hekk illum il-kwistjonijiet tal-partijiet dwar l-arretrati ta' manteniment huma sorvolati.

43. Skont ir-Regolament 4/2009 la l-Awtorità Ċentrali u lanqas il-qrati fl-Istat Membru rikjedenti ma huma meħtieġa li jinnotifikaw lid-debitur qabel tintbagħat l-applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Membru rikjest għall-eżekuzzjoni. Is-salvagwardja favur id-debitur tinstab fis-sospensjoni tal-eżekuzzjoni fl-Istat Membru rikjest jekk id-debitur iressaq kontestazzjoni fl-Istat Membru rikjedenti fit-termini tal-**Artikolu 21 (3) tar-Regolament:**

> "Fuq applikazzjoni mid-debitur, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni tista' tissospendi, totalment jew parzjalment, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini, meta jkun sar rikors quddiem qorti kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini b'applikazzjoni għal reviżjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini skont l-Artikolu 19.
>
> Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni għandha, fuq talba tad-debitur, tissospendi l- eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini jekk l-eżekutorjetà ta' dik id-deċiżjoni tkun sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini."

44. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju.

45. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jattakka s-sentenza appellata in kwantu akkollat l-ispejjeż kollha fuqu għaliex skontu s-

sentenza appellata "sostanzjalment tagħtu raġun". Jgħid li kienet l-istess konvenuta li stqarret li hemm lok li jkun hemm bidla fl-att ta' separazzjoni dwar l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Skont l-attur appellant "dan ta lok għall-aċċettazzjoni tal-parti l-kbira tat-talbiet attriċi" u d-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż ma tirriflettix l-eżitu tal-kawża. Iżid jgħid illi jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju d-dinamika tad-deċiżjoni tinbidel kompletament.

46. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi l-eċċezzjonijiet tagħha li ġew miċħuda ma kienux fiergħa u li tul id-depożizzjoni tagħha quddiem l-Ewwel Qorti hija saħqet biss "li kienet lesta taċċetta s-somma ta' £1000 fix-xahar *in linea* ta' manteniment u kienet disposta terfa' waħedha l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari" u li però kienet qiegħda żżomm ferm il-pretensjonijiet tagħha dwar l-arretrati.

Ikkunsidrat;

47. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li l-appellant m'għandux raġun. M'għandhiex mis-sewwa s-sottomissjoni tiegħu illi l-Ewwel Qorti laqgħet "l-parti l-kbira tat-talbiet attriċi". It-talba prinċipali tiegħu kienet sabiex il-Qorti tirriduċi l-mantenimenti minn £1000 fix-xahar ghal £800 fix-xahar. U dan mhux biss għall-futur imma wkoll b'effett retroattiv sa mis-sena 2016, u ċjoè sa minn erba' snin qabel fetaħ din il-kawża. Dik kienet it-talba

prinċipali f'din il-kawża, liema talba ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti u li minn dik iċ-ċaħda l-appellant ma ressaq l-ebda appell.

48. Dwar it-tieni talba, l-attur talab lill-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jinqasmu bin-nofs. Din ma kinitx il-kontestazzjoni prinċipali ta' bejn il-partijiet tant li l-konvenuta kienet lesta li dawk l-ispejjeż teħodhom kollha fuqha.

49. Ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkundannat lill-attur appellant għall-ispejjeż.

50. Għalkemm l-appellant informa lill-Qorti tal-Familja fl-Ingilterra li fetaħ kawża quddiem il-qrati Maltin sabiex jiġu stabbiliti l-arretrati ta' manteniment dovuti, l-ebda talba ma ressaq f'dawn il-proċeduri sabiex il-qorti Maltija tistabbilixxi l-*quantum* tal-arretrari li huwa kien qed jikkontesta. L-aggravju tiegħu li l-Ewwel Qorti ma kkwantifikatx l-arretrati ta' manteniment għandu mill-fieragħ u huwa vessatorju.

51. Kien floku l-kumment tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li bin-nuqqas tiegħu li jagħmel talba sabiex jiġu likwidati l-arretrati, li inċidentalment fil-mori tal-kawża ammetta li għandu jħallas, ma kien ser jagħtih l-ebda rimedju għal dak li l-Qorti fl-Ingilterra kienet qed tistenna, skont ma qalilha l-appellant, minn dawn il-proċeduri.

52. Tiċħad għalhekk it-tieni aggravju.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-appell ta' Maria Concetta Buhagiar bħala mandatarja speċjali tal-assenti Z1.

L-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss